

Brussell, 10 ta' Lulju 2023
(OR. en)

11421/23

ENER 426
COLAC 80

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Suġġett:	Memorandum ta' Qbil bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj dwar kooperazzjoni relatata mal-enerġiji rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika u l-idroġenu rinnovabbli - Awtorizzazzjoni biex jiġi ffirmat strument mhux vinkolanti

1. Fis-7 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni infurmat lill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Enerġija bl-intenzjoni tagħha li tinnegozja Memorandum ta' Qbil bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj dwar kooperazzjoni relatata mal-enerġiji rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika u l-idroġenu rinnovabbli, bil-ħsieb li jiġi ffirmat, fisem l-UE, qabel is-Summit UE-CELAC f'Lulju 2023¹.
2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Enerġija ddiskuta l-approċċ propost mill-Kummissjoni, bil-fehim li l-Kummissjoni ser tinforma lill-Grupp ta' Ħidma dwar il-progress fin-negozjati mar-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj, u ser terġa' lura għand il-Kunsill fi tmiem il-proċess tan-negozjati biex titlob l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill għall-iffirmar tal-Memorandum ta' Qbil fisem l-UE.
3. Fit-12 ta' Ġunju 2023, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tinnegozja dan il-Memorandum ta' Kooperazzjoni fisem l-UE (9434/23).

¹ WK 2739/23.

4. Fis-6 ta' Lulju 2023, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Enerġija ddiskuta t-test tal-Memorandum kif jinsab fid-dokument 11189/23. Ma kien hemm l-ebda proposta ta' abbozzar addizzjonali għat-test. Sussegwentement, it-test ġie ppreżentat lill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Enerġija għal konsultazzjoni informali bil-miktub. Matul il-konsultazzjoni, id-delegazzjonijiet ma qajmu l-ebda kumment addizzjonali.
5. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:
- jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tal-Memorandum ta' Qbil bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj, kif jinsab fid-dokument ST 11189/23;
 - jistieden lill-Kunsill biex jawtorizza l-iffirmar tal-Memorandum ta' Qbil bejn l-UE u l-Urugwaj, kif jinsab fid-dokument ST 11189/23, soġġett għal aġġustamenti żgħar possibbli bħala riżultat tan-negozjati mas-sħab rilevanti, iżda mingħajr bidliet fis-sustanza.
-